MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1574/1997/1

**Lawrence u Antoniette konjugi Hili**

**vs**

**Louis u Kathleen konjugi Hayman**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Novembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“Il-Qorti,*

*Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ seba’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm761.10) flus dovuta bhala hlas ta’ sehemhom tal-appogg bejn il-propjeta tal-atturi fi Triq il-*

*Berebis, Xghajra Zabbar b'isem "Dew Drops" mal-propjeta tal-konvenuti. B'rizerva ghall proceduri ta' danni.*

*Bl-ispejjez kollha interessi inkluzi ta' ittra ufficjali f'Lulju 1997, kif ukoll bonarji tal-20 ta' Frar 1997, 19 ta' Mejju 1997 kif ukoll mandat ta' subasta u ta' Qbid u ittra bonarja tas-17 ta' Gunju 1997*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenuti fejn eccepew:*

*1 Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante li hija intempestiva u t-talba esagerata ghas-segwenti ragunijiet;*

*2 Illi mhuwiex minn li l-konvenuti appoggjaw jew sejrin jappoggjaw mal-hajt kollu, proprjeta tal-atturi;*

*3 Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija insostenibbli billi l-hajt li ghalieh intalab l-appogg ma nbeniex skond il-Ligi, senjatament l-artikolu 407 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ma nbena skond l-arti u s-sena;*

*4 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija eccessiva kif jigi ippruvat aktar dettaljatament waqt il-kors tal-kawza peress li l-kejl mhuwiex korret;*

*5 Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull somma pretiza mill-atturi ghandha tigi pacuta ma somma ohra dovuta mill-istess atturi lill-konvenuti, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt il-kawza;*

*Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Louis Hayman fejn eccepixxa:*

*1 Illi huwa xtara l-fond adjacenti ghal fond attrici;*

*2 Illi huwa kien wasal fi ftehim sabiex la jibni l-fond tieghu huwa jappoggja mal-hajt divisorju u mibni mill-atturi.*

*3 Illi sussegwentment meta l-konvenut beda jibni sab li parti mill-hajt lanqas ma kien mibni kif tirrikjed l-Ligi u anki kieku ried ma setghax jissogra jappoggja mieghu kif kien. Dwar dan huwa kien tkellem mal-atturi u kienu fthemu li bicca mall-hajt tinhatt u terga tinbena. Din il-bicca xoghol ghamilha l-konvenut a spejjes tieghu.*

*4 Illi meta l-konvenut ircieva l-kont sab li l-attur kien tah kont hazin, di piu kien qed jfittex li jigbed lejh minghajr ebda raguni u kellu l-kejl hazin*

*5 Illi l-konvenut ipprova jkellmu sabiex jirrangjaw izda kien kollu ghalxejn.*

*6 Illi meta ra li ma kienx ser jiftiehem, l-konvenut informa lill-istess atturi li kien ser jhott dak kollu li kien appoggja mal-hajt taghhom u jibni qoxra ta' hajt separata. Fil-fatt il-konvenut hekk beda jaghmel u kwazi lesta l-process shih*

*7 Illi l-konvenut iddecieda u b'dan informa lill-istess atturi li kien ser jhalli appoggjata mal-hajt attrici bicca hajt twila erba piedi.*

*8 Illi fi kwalunkwe kaz il-kejl li fuqu inhadem il-kont huwa hazin.*

*9 Illi ghalhekk l-azzjoni hija intempestiva, ghaliex bl-ebda mod ma setgha jikkalkola l-appogg dovut, f'dan l-istadju.*

*Rat id-digriet tal-21 ta' Novembru 1997 fejn gie nnominat bhala perit tekniku lil Renato Laferla.*

*Rat in-nota tal-attur pprezentata fit-3 ta' Marzu 1998*

*Rat ir-rapport tal- perit tekniku li gie pprezentat fid-29 ta' Jannar 1999*

*Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fl-24 ta' Frar 1999.*

*Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 1999 fejn intalab rapport addizzjonali.*

*Rat ir-rapport addizzjonali pprezentat fl-20 ta' Jannar 2000*

*Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti;*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut ipprezentata fil-25 ta' Gunju 2001.*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament;*

*Rat id-dokumenti esebiti;*

*Rat l-atti kollha tal-process; u*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi l-kwistjonijiet kollha sollevati mit-talba tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma fil-maggjor parti ta' natura teknika u ghalhekk il-Qorti kienet innominat bhala espert tekniku lill AIC Renato Laferla illi pprezenta r-relazzjoni tieghu fit – 12 ta' Jannar 1999, ipprezenta relazzjoni addizzjonali fl-20 ta' Jannar 2000 u anke xehed bil-gurament fl-udjenza.*

*Il-konkluzzjoni finali li wasal ghaliha l-perit tekniku fit-tieni relazzjoni tieghu hija illi l-konvenuti huma tenuti li jhallsu lill-atturi ghas –saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-attur is-somma ta' Lm547.73 (hames mija sebgha u erbghin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi).*

*L-istess perit tekniku wasal ghal din is-somma wara li ha in konsiderazzjoni l-allegazzjonijiet kollha tal-kontendenti dwar l-estenzjonijiet tal-hitan illi gew ikkunsidrati ghal finijiet tal-kalkolu tal-appogg u wara li ha in kunsiderazzzjoni wkoll il-kwalita' tal-materjal u tax-xoghol li kien sar.*

*Inoltre l-istess perit wkoll iddikjara illi huwa kellu bilfors jassumi illi l-hitan divisorji imbnew fuq il-linja medjana u*

*dana billi ma ngibux provi sodisfacenti biex jigi ippruvat mod iehor.*

*Il-Qorti ghalhekk qieghdha taqbel mal-konkluzzjonijiet peritali u qieghedha tadottohom u tghamilhom taghha; U*

*Ghaldaqstant qieghdha tilqa t-talba attrici limitatament pero ghas-somma Lm547.73 (hames mija sebgha u erbghin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi).u konsegwentement qieghdha tikkundannah lill l-istess konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma stabbilita mill-perit tekniku ta' Lm547.73 (hames mija sebgha u erbghin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi) ghas-saldu ta' l-pretenzjonijiet reciproci tal-kontendenti.*

*Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez stante n-natura tal-kwistjonijiet involuti f'dan il-kaz tordna l-ispejjez jibqu bla taxxa."*

L-appell tal-atturi fil-konfront ta' din is-sentenza jikkomprendi l-aggravji rigwardanti:-

(a) L-ispejjez tal-kawza;
(b) Il-fatt li l-perit tekniku ma inkludiex fir-rapport tieghu l-istima tal-appogg riferibilment ghall-hajt tal-gnien.

Fuq l-ewwel pregudizzjali sollevata mill-appellanti dawn jilmentaw illi kien sforz l-intransigenza tal-konvenuti li ma riedu jhallsu l-ebda dritt ta' apogg li geghlithom jinizjaw proceduri. Ghalhekk skond huma l-ewwel Qorti ma ghamlitx sew meta ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.

Huwa ben maghruf illi r-regola li l-parti sokkombenti tigi akkollata l-ispejjez gudizjarji mhiex norma ta' dritt talment tassattiv u inflessibbli li ma jippermettix varjazzjoni minnha.

Minn ezami tal-applikazzjoni dwarhom minn dawn il-Qrati nsibu li jekk jirrizultaw motivi gusti l-ispejjes jistghu jigu ghal kollox jew in parti kompensati, per ezempju, minghajr

taxxa jew ripartiti f'xi proporzjon ohra (**"Francis Vella –vs- John Debono**", Prim'Awla, tal-Qorti Civili, 29 ta' Ottubru 1964).

Jezistu addirittura sitwazzjonijiet fejn il-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha (**Vol XXVI pI p173**; **Vol XXXIX pI p342**).

Li r-regola mhiex wahda rigoruza li l-Qrati ghandhom ta' bilfors juniformaw ruhhom maghha gie sahansitra ravvizat f'kawza ta' divizjoni fejn normalment tezisti l-prattika li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati bejn il-kontendenti fil-proporzjon tal-interess rispettiv taghhom. Eppure, "*tuttavia cioe' non ha luogo quando la divisione non viene fatta per colpa di uno degli interessati in opposizione al volere di tutti gli altri*" (**Vol VI pagna 565**).

Minn dawn l-ezemplifikazzjonijiet dak li hu cert hu illi ma tezisti l-ebda regola fissa. Il-konkluzjoni ghandha tkun dik li ghandhom jigu kunsidrati c-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz (**Vol XXIX pII p389**).

Dan stabbilt ghall-finijiet ta' precizazzjoni fuq il-materja ezaminata, fil-kaz de quo jidher li l-gustizzja ma gietx ghal kollox sodisfatta bl-ordni li ghamlet l-ewwel Qorti fil-mod ta' kif ghandhom jigu sopportati l-ispejjez. F'dan ir-rigward ghalhekk – tinhass il-htiega li dina l-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qorti ta' prim'istanza. Ma taqbilx mal-appellanti illi l-ispejjez kellhom jigu kollha mwahhlin lill-appellati. Minn naha l-ohra pero' l-Qorti hi tal-fehma li dawn l-istess spejjez kellhom jigu spartiti "pro rata" tal-vittorja u sokkombenza minhabba d-differenza bejn l-ammont reklamat u dak ottenut. Biex waslet ghal din il-konkluzjoni diversa l-Qorti hadet qies ukoll ta' fatturi ohra fosthom il-fatt illi l-eccezzjoni primarja tal-konvenuti – dik li ma pprattikaw l-ebda appogg – ma rrizultatx fondata.

Kwantu ghat-tieni aggravju l-appellanti jispjegaw illi ma kienx accettabbli li l-perit tekniku ma jinkludix il-hajt tal-gnien u dan bi pregudizzju ghalihom. L-argument taghhom f'dan il-kuntest ma hu xejn car izda, jekk il-Qorti interpretat tajjeb x'kellhom f'mohhom, huma qed jivvantaw

illi l-konvenuti ghamlu uzu minn dan il-hajt billi qeghdu xi pipe tal-ilma mat-tul tieghu kollu u ghad hemm xi toqob. Dan hu hekk prezunt min-Nota tal-Osservazzjonijiet taghhom a fol 98 tal-process.

Fid-decizjonijiet a **Vol XXXVI pII p443** u **Vol XLII pII p1065** jinsab ritenut illi "*biex jinghata d-dritt ta' l-appogg jehtieg, fost kazi ohra, li jitpogga "bini" ma' hajt komuni; u l-kelma "bini" ma tfissirx biss edificcju jew xi kostruzzjoni ohra tal-gebel u ta' natura permanenti, imma tikkomprendi wkoll kwalunkwe kostruzzjoni msaqqfa li kapaci taghti protezzjoni jew kenn. Kwalunkwe kostruzzjoni jew fabbrika, anke temporanja u movibbli, hi inkluza fil-kelma "bini" ghall-finijiet tad-dritt tal-appogg*."

U allura "*chi rende comune un muro con appoggiarsi delle opere non puo' esimersi dal pagare al proprietario dello stesso la rata del suo valore*". Lanqas per ezempju*, "nel pretesto di essere il muro di irregolare costruzion*e" (**Vol VI pagna 183**). Fl-istess sens ta' dan il-hsieb id-decizjoni fl-ismijiet :**Spiridione Pizzuto –vs- Nicholas Camilleri**", Appell Civili, 22 ta' Mejju 1989.

Anke jekk il-konvenuti jkunu innegozjaw il-fond taghhom l-obbligu tal-hlas tal-appogg xorta jibqa' hemm ("**Anthony Muscat –vs- John J. Camilleri et**", Appell Kummercjali, 28 ta' Mejju 1993).

Naturalment qabel kollox trid l-ewwel issir il-prova illi l-konvenuti ghamlu uzu mill-hajt, liema prova hija kollawdata bis-semplici fatt li l-gar ikun pogga l-kostruzzjoni tieghu mal-hajt b'mod li minn dan il-fatt tigi desunta l-intenzjoni tieghu.

Mill-atti processwali ma jidherx li l-atturi rnexxielhom jaghmlu l-prova konvincenti illi l-konvenuti rrendew komuni l-hajt tal-gnien billi appoggjaw mieghu. F'dan ir-rigward ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta addottat il-konkluzjonijiet peritali. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament ghall-aggravju tal-kap tal-ispejjez u tordna li dawk ta' l-ewwel istanza jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenuti u terz ($^{1}/_{3}$) mill-atturi. It-tieni aggravju qed jigi rigettat u s-sentenza tal-ewwel Qorti fil-meritu qed tigi konfermata.

L-ispejjez tat-tieni istanza ghandhom jithallsu tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-appellanti u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-konvenuti appellati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------